MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.<br>GABRIELLA VELLA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 273/2011

**XXX**
**Vs**
**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mill-XXX bhala mandatarju ta' l-assenti Siaoxiang Lu fis-16 ta' Dicembru 2011, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li biha rrevoka l-permess ta' Siaoxiang Lu mahrug taht ir-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti 2004 ghall-*permanent residence* u konsegwentement jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jipprocessa l-applikazzjoni ta' Siaoxiang Lu ghat-tigdid tal-*permanent residency permit* minn sena ghal sena u dan a tenur ta' l-imsemmija Regolamenti dwar Skema ghal Residenti 2004, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. "A" sa' Dok. "F" a fol. 4 sa' 26 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent nomine u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i)

in linea preliminari, ir-Rikors promotur huwa irritu u null in kwantu t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva kif stabbilit mill-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva ma ghandux il-kompetenza li jisma’ u jiddeciedi vertenzi li jittrattaw dwar ir-revoka ta’ certifikat ta’ *permanent residence* mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini tar-Regolamenti ta’ l-2004 dwar Skema ghal Residenti (Avviz Legali 428 ta’ l-2004) u l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Il-kompetenza tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva hija limitata ghas-smigh u decizjoni ta’ appelli minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond l-Artikolu 35 ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tali kompetenza ma tistax tigi estiza ghal vertenzi ohra li ma humiex relatati ma’ stima ta’ taxxa, kif inhu il-kaz in kwistjoni; u li (ii) fil-meritu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-Rikorrent nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet elenkati fir-Risposta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. “KTI1” sa’ Dok. “KTI5” a fol. 34 sa’ 39 tal-process;

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent nomine permezz ta’ Nota pprezentata fis-7 ta’ Frar 2012 markati Dok. “A” sa’ Dok. “H” a fol. 51 sa’ 76 tal-process;

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrent nomine in opposizzjoni ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezentata fis-27 ta’ Gunju 2012[1] u ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezentata fl-1 ta’ Awwissu 2012[2];

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent nomine jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum maghruf bhala Direttur Generali (Taxxi Interni)] li biha rrevoka l-*permanent residency permit* ta' Siaoxiang Lu mahrug fil-15 ta' April 2009 taht ir-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti ta’ l-2004, u konsegwentement jordna lill-istess Kummissarju sabiex jipprocessa l-applikazzjoni ta’ Siaoxiang Lu ghat-tigdid tal-*permanent*

[1] Fol. 80 sa’ 82 tal-process.

[2] Fol. 85 sa’ 87 tal-process.

*residency permit* minn sena ghal sena u dan a tenur ta' l-imsemmija Regolamenti. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jilqa' ghat-talba tar-Rikorrent nomine bl-eccezzjoni preliminari li r-Rikors promotur huwa rritu u null stante li dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza li jisma' u jiddeciedi talbiet dwar *permanent residency permits* mahruga minnu ai termini tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti ta' l-2004, Avviz Legali 428 ta' l-2004.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bis-sahha ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal ghandu, ghall-finijiet ta' speditezza tal-proceduri, jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti, kemm jekk ikunu preliminari, procedurali jew sostantivi, fil-fehma tat-Tribunal dan il-provvediment tal-Ligi ma ghandux, fid-dawl tan-natura ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jigi applikat fil-kaz in ezami. In effetti l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tolqot il-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jiddetermina talba/talbiet dwar *permanent residency permits* mahruga minnu a tenur tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti ta' l-2004 u ghalhekk zgur illi t-Tribunal ma jistax u ma ghandux jidhol fil-meritu tat-talbiet tar-Rikorrent nomine qabel ma jigi determinat jekk ghandux o meno l-kompetenza li jittratta dwar tali talbiet. Ghaldaqstant, din is-sentenza qed tinghata limitatament dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in opposizzjoni ghat-talbiet tar-Rikorrent nomine.

Ir-Rikorrent nomine jikkontrapponi ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni billi jikkontendi li huwa korrettament avvanza t-talbiet tieghu kontra d-decizjoni tal-Kummissarju li jirrevoka l-*permanent residency permit* ta' Siaoxiang Lu quddiem dan it-Tribunal, ghaliex skontu huwa proprio dan il-forum kompetenti biex jisma' u jiddetermina tali talbiet.

Huwa jibbaza din l-affermazzjoni fuq is-sottomissjoni li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hija regolata bid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-kompetenza tat-Tribunal tirrizulta b'mod car mill-Artikolu 7

ta' l-imsemmi Att u cioè *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima.* Jikkontendi wkoll li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jaqa', ghall-finijiet ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, taht id-definizzjoni ta' awtorità pubblika u ghalhekk *gialadarba dan il-kaz si tratta ta' decizjoni mehuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, huwa evidenti li l-ghagir in kwistjoni jaqa' taht definizzjoni ta' amministrazzjoni pubblika u konsegwentement ir-revizjoni mitluba hija entro l-kompetenza ta' dan it-Tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 fuq imsemmi. Ghar-rigward tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal, dan hu regolat fl-Artikolu 5(2) tal-istess Kap.490 li jispecifika b'mod generali u minghajr restrizzjoni: "It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jkollhu l-kompetenza (shall have jurisdiction) li jirrevedi atti amministrattivi". Illi in sostenn tal-premess, l-esponenti anke ghamel referenzi ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.490 fejn jipprovdi li l-Qorti ta' l-Appell hija kompetenti li tisma' u tiddeciedi appelli minn dan it-Tribunal minn decizjoni mehuda mill-istess Tribunal fir-rigward ta' decizjonijiet mehuda taht diversi ligijiet fosthom il-Kap.123 Income Tax Act. Ir-regolamenti in kwistjoni huma regolamenti li saru bis-sahha tal-Kap.123 u ghalhekk galdarba l-Income Tax Act huwa wiehed minn dawk il-kapitoli tal-ligi li jista' jsir appell fuqhu quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn decizjoni ta' dan il-Bord, dan ifisser li dan it-Tribunal huwa kompetenti biex jisma' appelli minn kull decizjoni mehuda mill-Kummissarju taht il-varji poteri lilu moghtija fil-Kap.123. Galdarba r-regolamenti saru bis-sahha tal-Kap.123 (subsidiary legislation) dak li ntqal fir-rigward tal-Kap.123 japplika wkoll ghalihom. Huwa evidenti li kwalunkwe decizjoni mehuda mill-Kummissarju bis-sahha ta' poter li johrog mill-Kap.123, komprizi r-regolamenti fuq imsemmija li huma r-regolamenti li saru bis-sahha ta' l-istess Kap.123, hija soggetta ghar-revizjoni (review) ta' dan it-Tribunal.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni da parte tieghu jirribatti ghas-sottomissjonijiet tar-Rikorrent nomine billi jsostni li r-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti ma jipprovdu xejn dwar il-jedd ta' persuna li thossha aggravata b'decizjoni mehuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] li tappella minn tali decizjoni u ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva huwa kompetenti li jisma' u jiddetermina biss appelli minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum id-Direttur Generali (Taxxi Interni)] fil-konfront ta' *tax payer*. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li l-Ligi li ghandha ssir referenza ghaliha huwa l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, minn liema jirrizulta jedd ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni kostitwit bis-sahha ta' dak l-istess Att.

F'tali rigward il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li ladarba c-certifikat ghal *permanent residency* mahrug minnu a tenur tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti huwa ekwivalenti ghal permess mahrug ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-jedd ta' appell mid-decizjoni tieghu ghandu japplika dan l-ahhar artikolu li *kjarament jirregola kull decizjoni li tittiehed fir-rigward ta' permessi ghal residenza f'Malta, u sahansitra jistipula perijodu ta' preskrizzjoni ghal dritt ta' appell minn revoka ta' tali permessi, liema appell ghandu jsir quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni skont is-subartikolu 7(4) ta' l-istess Att, li jghid hekk: "Kull min ihoss ruhu aggravat b'dik id-decizjoni jkollu dritt jappella quddiem il-Bord fi zmien ghaxart ijiem minn meta jigi avzat b'dik ir-revoka"*. *Illi l-esponent umilment jissottometti li in vista ta' dak li specifikament jipprovdi l-imsemmi Artikolu 7, u fin-nuqqas ta' provvedimenti min-naha ta' l-Avviz Legali 428 tal-2004 fir-rigward ta' preskrizzjoni u kompetenza f'kaz t' appell bhal dak li qed isir de quo, bl-ebda mod ma jaghti kompetenza lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kawza, minkejja d-dettami generali ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490. Illi konsegwentement il-Bord ta' l-*

*Appelli dwar l-Immigrazzjoni huwa l-forum idoneju, mehud in konsiderazzjoni l-Artikolu 7(4) tal-Kap.217*[3].

It-Tribunal wara li kkonsidra bir-reqqa s-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti kif ukoll id-diversi disposizzjonijiet tal-Ligi li ghalihom saret referenza f'dawn il-proceduri, jasal ghall-konkluzjoni li kif korrettament eccepit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa ma huwiex kompetenti biex jisma' u jiddetermina talba/talbiet relatati ma' decizjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interi)] dwar *permanent residency permits* mahruga a tenur tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti, Legislazzjoni Sussidjarja 123.79. Din il-konkluzjoni hija bbazata fuq il-principju, applikabbli anke f'materja ta' dritt amministrattiv, li *lex specjalis derogat generalis*.

Fil-kamp tad-dritt amministrattiv nostrali l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, jikkostitwixxi l-Ligi generali f'tali materja u ghalhekk id-disposizzjonijiet fih enuncjati japplikaw biss kemm-il darba ligi partikolari, jew ahjar *lex specialis* li tahtha jinghataw decizjonijiet minn awtorità pubblika ma tipprovdix mod iehor. Fil-fehma tat-Tribunal id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, inluz ghalhekk l-artikolu relattiv ghall-kompetenza tat-Tribunal, japplikaw b'mod generali fejn il-Ligi li tahtha tinghata decizjoni minn awtorità pubblika tkun ghal kollox siekta dwar il-jedd ta' appell minn tali decizjoni – fejn allura bis-sahha ta' l-Artikoli 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta l-kwistjoni taqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal – u japplikaw b'mod specifiku fejn il-Ligi li tahtha tinghata decizjoni minn awtorità pubblika tikkonferixxi b'mod espress kompetenza fuq it-Tribunal in kwantu rigwarda appelli minn tali decizjoni – ad ezempju l-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu rigwarda materji ta' natura fiskali jew l-Artikolu 40 tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu rigwarda decizjonijiet mehuda mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li *permanent residency permits* kienu, ghall-inqas sa' l-1 ta' Jannar 2011[4], jinhargu bis-sahha u a tenur tar-Regolamenti dwar Skema Ghal

[3] Para. 5 sa' 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.
[4] Regolament 2(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 123.79.

Residenti, Legislazzjoni Sussidjarja 123.79, introdotti bl-Avviz Legali 428 ta' l-2004. Ir-Regolament 2(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 123.79 kif originatjament introdott[5] kien jipprovdi li *ghal skopijiet ta' dawn ir-Regolamenti u bis-sahha tas-setghat moghtija lilu mid-delega mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-immigrazzjoni skond l-Artikolu 26 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Kummissarju jista' johrog certifikat li ghandu jitqies bhala li jikkostitwixxi permess mahrug skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, lil individwi li jissodisfaw il-kondizzjonijiiet stabbiliti taht dawn ir-Regolamenti*. Minn dak dispost f'dan ir-Regolament jirrizulta ferm evidenti li r-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti ma ghandhomx jinqraw u jigu ikkunsidrati biss fl-isfond ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ghandhom jinqraw u jigu applikati flimkien mal-provvedimenti enuncjati fl-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment fejn dwar xi aspett partikolari, bhalma huwa l-jedd ta' appell minn decizjonijiet li jeffettwaw *permanent residency permits*, il-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ikun ghal kollox sieket.

Bhala fatt ir-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti, Legislazzjoni Sussidjarja 123.79, huma siekta in kwantu rigwarda l-jedd ta' appell minn decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni vis-a-vis il-hrug/revoka ta' *permanent residency permit* izda, b'daqshekk ma jfissirx li b'mod awtomatiku japplikaw il-provvedimenti tal-Ligi enuncjati fl-Att tal-Gustizzja Amministrattiva u li l-forum kompetenti fejn jitressqu appelli minn tali decizjonijiet huwa t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Qabel ma jista' jinghad li bis-sahha ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amminsitrattiva t-Tribunal huwa kompetenti biex jisma' u jiddeciedi dawn it-tip ta' appelli, irid jigi l-ewwel determinat x'jipprovdu fir-rigward ta' tali jedd ta' appell l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, **u** l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gustament osservat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, jikkonferixxi kompetenza fuq it-Tribunal ta'

---

[5] Illum jinsab emendat bl-Avviz Legali 399 ta' l-2011.

Revizjoni Amministrattiva biex jisma' u jiddeciedi appelli minn stimi mahruga mill-Kummissarju fil-konfront ta' *tax payer* u wkoll, izid jghid it-Tribunal, minn decizjoni tal-Kummissarju dwar talba ghal refuzjoni ta' taxxa mhallsa ai termini ta' l-Artikolu 77 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatt li l-kompetenza tat-Tribunal hija hekk limitata ghal appelli minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] jsib konferma f'dak dispost fl-Artikolu 35 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tat-Tribunal ma hemm xejn fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva li jestendi l-kompetenza tat-Tribunal f'materja fiskali trattata bl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ghal appelli li jsiru minn decizjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar *permanent residency permits* mahruga a tenur tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti, u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-jedd ta' appell minn tali decizjonijiet jinsab espressament regolat bl-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta. Kieku l-Att dwar l-Immigrazzjoni ukoll kien sieket f'tali rigward allura hemmhekk, u hemmhekk biss, jista' jigi argumentat li t-Tribunal ikun kompetenti biex jittratta tali kwistjonijiet bis-sahha ta' dak dispost fl-Artikoli 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal il-jedd ta' appell minn decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward ta' *permanent residency permit* jirrizulta mill-Artikolu 7(4) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghal dawk il-kazijiet fejn il-permess jigi revokat ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 7(3) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, u mill-Artikolu 25(A)(5) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghal kwalunkwe decizjoni ohra li tikkoncerna permess ta' residenza, inkluz ghalhekk ir-revoka li ma tkunx ibbazata fuq xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 7(3) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti l-Artikolu 25(A)(5) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li thoss ruhha aggravata b'xi decizjoni ta' l-awtorità kompetenti*[6] *taht regolamenti maghmula taht it-Taqsima III, jew bis-sahha ta' l-artikolu 7*[7]*, l-artikolu 14 jew*

[6] Sottolinear tat-Tribunal.
[7] Sottolinear tat-Tribunal.

*l-artikolu 15 tista' tappella minn dik id-decizjoni u l-Bord ikollu gurisdizzjoni jisma' u jiddeciedi dawk l-appelli.*

Ladarba ai termini tar-Regolament 2(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 123.79 certifikat mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] bis-sahha ta' l-imsemmija Regolamenti ghandu *jikkostitwixxi permess mahrug skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni*, necessarjament iffisser li l-jedd ta' appell minn decizjoni dwar tali permess ghandu jkun l-istess bhall-jedd ta' appell minn decizjoni dwar permess mahrug a tenur tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk appell minn tali decizjoni jista' jigi intavolat biss quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni kostitwit bis-sahha ta' l-Artikolu 25A tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li huwa dan il-Bord li huwa kompetenti biex jiddetermina tali appelli jinsab imsahhah mill-fatt li fl-Artikolu 25(A)(5) tal-Kap.217 il-Legislatur specifikatament uza l-kliem *b'xi decizjoni ta' l-awtorità kompetenti* u ma llimitax ruhu li jghid biss il-Ministru responsabbli ghall-immigrazzjoni. Bl-uzu ta' dawk il-kliem il-Legislatur necessarjament ried jinkludi dawk l-awtoritajiet fuq liema l-Ministru responsabbli ghall-immigrazzjoni jkun iddelega xi setgha partikolari, hekk kif gara fil-kaz tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dak li jirrigwarda l-hrug ta' certifikat ta' *permanent residency* a tenur tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti ta' l-2004.

Il-fatt li t-terminu entro liema jista' jigi intavolat appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni huwa ta' tlett ijiem tax-xoghol mid-decizjoni li tkun soggetta ghal appell[8] ma jbiddel assolutament xejn mis-sitwazzjoni. Il-fatt li r-Rikorrent nomine seta', kienet x'kienet ir-raguni, ma ressaqx l-appell tieghu entro tali terminu ma jfissirx li huwa ghandu jedd jappella minn dik id-decizjoni quddiem dan it-Tribunal. Ir-rimedju li jrid jottjeni r-Rikorrent nomine seta' jottjenih biss quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Immigrazzjoni fejn allura seta' wkoll iressaq kwalunkwe ilment li ghandu fir-rigward taz-zmien meta huwa effettivament gie a konoxxenza tad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Intenri.

---

8 Artikolu 25A(7) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk jigi ribadit li skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni, li huwa l-att li ghandu japplika fil-kaz in ezami ad eskluzzjoni ta’ l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, il-forum kompetenti biex jisma’ u jiddeciedi appelli minn decizjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar *permanent residency permits* mahruga a tenur tar-Regolamenti dwar Skema ghal Residenti huwa l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Immigrazzjoni u mhux it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija gustifikata li tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jisma’ u jiddeciedi t-talbiet imressqa quddiem mir-Rikorrent nomine bir-Rikors ipprezentat fis-16 ta’ Dicembru 2011, u ghaldaqstant jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------